32000R2870

L 333/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.12.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2870/2000
tad-19 ta' Diċembru 2000
li jistabbilixxi l-metodi Komunitarji ta' referenza għall-analiżi tax-xorb spirituż

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jipprovdi r-regoli ġenerali għad-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb spirituż [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(8) tiegħu

Billi:

(1) L-Artikolu 4(8) tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 jipprovdi illi jiġu adottati l-metodi li jridu jintużaw għall-analiżi tax-xorb spirituż. Il-metodi tar-riferiment għandhom jintużaw sabiex jiġi żgurat it-tħaris tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1014/90 tal-24 ta' April 1990 li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati ta' implimentazzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb spirituż [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2140/98 [3], meta jsir kull kontroll uffiċjali jew fil-każ ta' kull kontroversja.

(2) Safejn u sakemm huwa possibbli, ikun utili li jiġu adottati u deskritti bħala metodi analitiċi Komunitarji tar-riferiment il-metodi kkonoxxuti b'mod ġenerali.

(3) Sabiex jitqiesu l-avvanzi xjentifiċi u tad-differenzi fit-tagħmir tal-laboratorji uffiċjali, għandu jkun permess l-użu ta' metodi msejsa fuq prinċipji tal-kejl għajr dawk tal-metodi ta' riferiment deskritti fl-Anness ta' ma' hawn taħt ir-responsabbiltà tad-direttur tal-laboratorju, meta dawn il-metodi joffru garanziji adegwati rigward ir-riżultati u b'mod partikolari jissodisfaw il-kriterji fissati fl-Anness mad-Direttiva tal-Kunsill 85/591/KEE tal-20 ta' Diċembru 1985 li tirrigwarda l-introduzzjoni ta' metodi Komunitarji tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi sabiex jiġu monitorjati l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [4] u jekk jista' jintwera illi l-varjazzjoni fl-eżattezza, l-abbiltà tat-tennija u r-riproduċibbiltà tar-riżultati miksuba jkunu fil-limiti ta' dawk miksuba bl-użu tal-metodi tar-riferiment deskritti f'dan ir-Regolament. Jekk tiġi sodisfatta din il-kondizzjoni, għandu jkun permess l-użu ta' metodi analitiċi oħra. Madankollu, huwa importanti li jiġi speċifikat illi f'każi ta' kontroversja, metodi oħra ma jridux jibdlu l-metodi tar-riferiment.

(4) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Implimentazzjoni tax-Xorb Spirituż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-metodi Komunitarji tar-riferiment għall-analiżi tax-xorb spirituż sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament (KEE) Nru 1576/89 u r-Regolament (KEE) Nru 1014/90:

— meta jsir kull kontroll uffiċjali, jew

— fil-każ ta' kontroversja,

għandhom ikunu dawk iddikjarati fl-Anness ta' ma' hawn.

Artikolu 2

Minkejja l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1, għandhom ikunu permessi metodi analitiċi oħra, taħt ir-responsabbiltà tad-direttur tal-laboratorju, bil-kondizzjoni illi l-eżattezza u l-preċiżjoni (il-kapaċita tat-tennja u r-riproduċibbiltà) tal-metodi jkunu mill-inqas ekwivalenti għal dawk tal-metodi analitiċi tar-riferiment rilevanti mogħtija fl-Anness.

Artikolu 3

Meta l-metodi analitiċi Komunitarji tar-riferiment ma jkunx stabbiliti għall-kxif u l-kwantifikazzjoni tas-sustanzi li jkunu f'xarba spirituża partikolari, għandhom jintużaw il-metodi li ġejjin:

(a) il-metodi analitiċi li huma vvalidati sa proċeduri kkonoxxuti internazzjonalment u b'mod partikolari jissodisfaw il-kriterji ffisati fl-Anness mad-Direttiva 85/591/KEE;

(b) il-metodi analitiċi li jikkonformaw ma' l-i*standards* irrakkommandati ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Istandardizazzjoni (*ISO*);

(ċ) il-metodi analitiċi kkonoxxuti mill-Assmblea Ġenerali ta' l-Uffiċċju Internazzjonali tad-Dwieli u l-Inbid (*OIV*) u ppublikati minn dan l-uffiċċju;

(d) fin-nuqqas ta' metodu kif indikat fil-(a), fil-(b) jew fiċ-(ċ), għar-raġuni ta' l-eżattezza, il-kapaċità tat-tennija u r-reproduċibbiltà:

— metodu analitiku approvat mill-Istat Membru interessat,

— meta meħtieġ, kull metodu analitiku ieħor xieraq.

[1] ĠU L 160, tat-12.6.1989, p. 1.
[2] ĠU L 105, tal-25.4.1990, p. 9.
[3] ĠU L 270, tas-7.10.1998, p. 9.
[4] ĠU L 372, tal-31.12.1985, p. 50.

Artikolu 4

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "il-limitu tal-kapaċità tat-tennija": għandu jkun il-valur inqas jew ugwali li għalih id-differenza assoluta bejn ir-riżultati ta' żewġ testijiet miksuba taħt il-kondizzjonijiet tal-kapaċità tat-tennija (l-istess operatur, l-istess apparat, l-istess laboratorju u intervall qasir taż-żmien) tista' tkun mistennija li jkollha l-probabbilità ta' 95 % ġ*ISO 3534-1*ħ;

(b) "il-limitu tar-riproduċibbiltà": għandu jkun il-valur inqas jew egwali li għalih id-differenza assoluta bejn ir-riżultati ta' żewġ testijiet miksuba taħt il-kondizzjonijiet tar-reproduċibbiltà (operaturi differenti, apparat differenti, laboratorji differenti) tista' tkun mistennija li jkollha l-probabbiltà ta' 95 % ġ*ISO 3534-1*ħ;

(ċ) "eżattezza": għandha tkun il-qrubija tal-qbil bejn ir-riżultat ta' test u u l-valur tar-riferiment aċċettat ġISO 3534-1ħ.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2001.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-19 ta' Diċembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

ID-DESKRIZZJONI TAL-METODI ANALITIĊI TAR-RIFERIMENTl-qawwa alkolika skond il-volum

l Kif jiġu stabbiliti s-sustanzi volatili u l-metanol

L-Appendiċi I: It-Tħejjija tad-distillat

L-Appendiċi II: Il-Kejl tad-densità tad-distillat

— Il-Metodu A = Il-Piknometrija

— Il-Metodu B = Id-Densimetrija elettronika

— Il-Metodu Ċ = Id-Densimetrija bl-użu tal-miżien idrostatiku

II **Kif jiġi stabbilit l-estratt niexef totali bil-gravimetrija**

III. Kif jiġu stabbiliti s-sustanzi volatili u l-metanol

III.1 Rimarki Ġenerali

III.2 Il-Konġeneri volatili:

III.3 **l-aldeidi, l-alkoli ogħla, l-etil aċetat u l-metanol (kromatografija bil- gass)**

IV. L-Aċidità volatili (*p.m.*)

V. L-aċidu idroċjaniku (*p.m.*)

VI. L-Anetol (*p.m.*)

VII L-Aċidu gliċirriżiku (*p.m.*)

VIII It-tipi totali taz-Zokkor (*p.m.*)

IX. L-Isfar tal-bajd (*p.m.*)

I. KIF TIĠI STABBILITA L-QAWWA ALKOLIKA SKOND IL-VOLUM FIX-XORB SPIRITUŻ

Introduzzjoni

Il-metodu tar-riferiment jinkludi żewġ Appendiċi:

L-appendiċi I: It-tħejjija tad-distillat

L-Appendiċi II: Il-kejl tad-densità tad-distillat

1. **L-Iskop**

Il-metodu huwa xieraq għalbiex jistabbilixxi l-qawwa alkolika reali skond il-volum fix-xorb spirituż.

2. **Ir-Riferimenti Normattivi**

L-ISO 3696:1987: L-ilma għall-użu analitiku fil-laboratorju - l-ispeċifikazzjonijiet u l-metodi tat-testijiet.

3. **It-termini u d-definizzjonijiet**

3.1. *It-temperatura tar-riferiment*:

It-temperatura tar-riferiment sabiex tiġi stabbilita l-qawwa alkolika skond il-volum, id-densità u l-gravità speċifika tax-xorb spirituż hija 20°Ċ.

Nota 1: L-espressjoni "f'temperatura ta' t°Ċ" hija riżervata għal meta jiġu stabbiliti kollha (id-densità jew il-qawwa alkolika skond il-volum) espressi f'temperatura għajr it-temperatura tar-riferiment ta' 20°Ċ.

3.2. *Id-Densità*:

Id-densità hija l-massa għal kull unità tal-volum in vacuo fix-xorb spirituż f'temperatura ta' 20 °Ċ. Hija espressa f'kilogrammi għal kull metru kubu u s-simbolu tagħha huwa $ñ_{20}$°Ċ jew $ñ_{20}$.

3.3. Il-Gravità speċifika:

Il-gravità speċifika hija l-proporzjon, espress bħala numru deċimali, tad-densità tax-xorb spirituż f'temperatura ta' 20 °Ċ mad-densità ta' l-ilma fl-istess temperatura. Hija murija bis-simbolu $d_{20\,°C/20\,°C}$ jew $d_{20/20}$, jew sempliċement d meta ma jkunx hemm l-ebda possibbiltà ta' konfuzjoni. Il-karatteristika li kienet imkejla trid tkun speċifikata fuq iċ-ċertifikat ta' l-assaġġ bl-użu biss tas-simboli definiti hawn fuq.

Nota 2: Huwa possibbli li tinkiseb il-gravità speċifika mid-densità $ñ_{20}$ f'temperatura ta' 20 °Ċ:

$p_{20} = 998{,}203 \times d_{20/20} = p_{20}/998{,}203$

fejn id-998,203 huwa d-densità ta' l-ilma f'temperatura ta' 20 °Ċ.

3.4. *Il-qawwa alkolika reali skond il-volum*:

Il-qawwa alkolika reali skond il-volum tax-xorb spirituż hija egwali għan-numru ta' litri ta' l-etil alkol li jkun jinsab f'100 l ta' taħlita ta' l-ilma ma' l-alkohol li jkollha l-istess densità bħall-alkol jew l-ispirtu wara d-distillazzjoni. Il-valuri tar-riferiment għall-qawwa ta' l-alkol skond il-volum (% vol) f'temperatura ta' 20 °Ċ kontra d-densità f'temperatura ta' 20 °Ċ għal taħlitiet differenti ta' l-ilma ma' l-alkohol li jridu jintużaw huma dawk mogħtija fit-tabella internazzjonali adottata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Metroloġija Legali fir-Rakkommandazzjoni tagħha Nru 22.

L-ekwazzjoni ġenerali li għandha x'taqsam mal-qawwa alkolika skond il-volum u d-densità ta' taħlita ta' ilma ma' l-alkol f'temperatura partikolari hija mogħtija fil-paġna 40 tal-Kapitolu 3 "Il-qawwa alkolika skond il-volum" ta' l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2676/90 (ĠU L 272, tat-3.10.1990, p. 1) jew fil-manwal tal-metodi ta' l-analiżi tal-OIV (1994) (p. 17).

Nota 3: Għall-likuri u l-kremi li tagħhom huwa diffiċli li jitkejjel il-volum bl-eżatt, irid jintiżen il-kampjun u l-qawwa alkolika tiġi kkalkolata l-ewwel skond il-massa.

Il-formola ta' konverżjoni:

Il-formola ta' konverżjoni

$$\text{Il-qawwa alkolika skond il-volum (\% vol)} = \frac{\text{ASM (\% mass)} \times P_{20}\,(\text{Il-kampjun})}{P_{20}\,(\text{alcohol})}$$

fejn ASM = il-qawwa alkolika skond il-massa,

P_{20} (alkol) = 789,24 kg/m³

4. **Il-prinċipju**

Wara d-distillazzjoni, il-qawwa alkolika skond il-volum tad-distillat tiġi stabbilita bil-piknometrija, id-densimetrija elettronika, jew id-densimetrija bl-użu ta' miżien idrostatiku.

L-APPENDICI I: IT-THEJJIJA TAD- DISTILLAT

1. **L-iskop**

Il-metodu huwa addattat għat-tħejjija tad-distillati li għandhom jintużaw sabiex tiġi stabbilita l-qawwa alkolika reali skond il-volum tax-xorb spirituż.

2. **Il-prinċipju**

L-ispirti jiġu ddistillati għalbiex jiġu mifruda l-etil alkol u komponenti oħra volatili mill-materjal estrattiv (is-sustanzi li ma jiddistillawx).

3. **Ir-Reaġenti u l-Materjali**

3.1. Il-granuli ta' kontra l-ħbit ma' xulxin.

3.2. L-emulsjoni kkonċentrata ta' kontra r-ragħwa (għall-likuri krema).

4. **L-apparat u t-tagħmir**

L-apparat normali tal-laboratorju u b'mod partikolari dan li ġej:

4.1. Banju ta' l-ilma li kapaċi jinżamm bejn il-10°Ċ u l-15-il °Ċ.

Banju ta' l-ilma li kapaċi jinżamm f'temperatura ta' 20°Ċ (+/-0,2°Ċ).

4.2. Fjasketti volumetriċi tal-Klassi A, ta' 100 ml u 200 ml, li jkun ġew iċċertifikati għal 0,1 % u 0,15 % rispettivament.

4.3. L-apparat tad-distillazzjoni:

4.3.1. Il-ħtiġijiet ġenerali

L-apparat tad-distillazzjoni jrid jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

— in-numru tal-ġonot ma jridx ikun aktar mill-minimu strett meħtieġ sabiex jiżgura illi s-sistema ma tnixxix, l-inklużjoni ta' mekkaniżmu maħsub sabiex jipprevjieni l-primitura (it-tkaxkir tal-likwidu jagħli mill-fwar) u sabiex jirregolarizza r-rata tad-distillazzjoni tal-fwar mgħobbi bl-alkohol,

— il-kondensazzjoni rapida u kompleta tal-fwar ta' l-alkohol,

— il-ġbir tal-frazzjonijiet ta' l-ewwel distillazzjoni f'medju ilmi.

— Is-sors tas-sħana jrid jintuża b'diffuser tas-sħana addattat għalbiex jipprevjieni kull reazzjoni piroġenikali tinvolvi l-materjal estrattiv.

4.3.2. Eżempju ta' apparat addattat tad-distillazzjoni huwa muri fil-Figura1u jinkludi l-partijiet li ġejjin:

— fjaskett bil-qiegħ ittundjat, ta' litru 1, b'ġonta tal-ħġieġ immattjat standardizzat,

— kolonna tar-rettifikazzjoni ta'mill-inqas 20 ċm għoli (kolonna Vigreux, per eżempju),

— konnettur minkeb b'kondensatur bix-xifer dritt ta' xi 10 ċm tul (kondensatur tat-tip West) iffittjat vertikalment,

— koljatura tat-tkessiħ, ta' 40 ċm tul,

— tubu mtawwal, li jieħu d-distillat lejn il-qiegħ ta' fjaskett tal-ġbir iggradat li jkun fih ammont żgħir ta' ilma.

Nota: L-apparat deskritt hawn fuq huwa maħsub għal kampjun ta' mill-inqas 200 ml. Madankollu, kampjun iżgħar (ta' 100 ml) jista' jiġi distillat bl-użu ta' fjaskett iżgħar tad-distillazzjoni, sakemm jintużaw ras għal kontra t-titjir ta' l-ilma jew mekkaniżmu ieħor li jipprevjieni t-tkaxkir ta' l-ilma.

5. **Il-ħażna tal-kampjuni tat-test**

Il-kampjuni għandhom jinħażnu f'temperatura tal-kamra qabel l-analiżi.

6. **Il-proċedura**

Kumment preliminari:

Id-distillazzjoni tista' wkoll tkun bil-proċedura ppubblikata mill-IUPAC (1968).

6.1. Il-verifika ta' l-apparat tad-distillazzjoni:

L-apparat użat għandu jkun kapaċi għal dan li ġej:

Id-distillazzjoni ta' 200 ml ta' taħlita ta' ilma ma' l-alkol b'konċentrazzjoni magħrufa qrib il-50 % vol ma tridx tikkawża telf ta' alkohol ta' aktar minn 0,1 % vol.

6.2. Ix-xorb spirituż b'qawwa alkolika taħt l-50 % vol.

Kejjel 200 ml ta' l-ispirtu fil-fjaskett volumentriku.

Irreġistra t-temperatura ta' dan il-likwidu, jew żommha f'temperatura standard (20°Ċ).

Ferragħ il-kampjun fil-fjaskett tal-qiegħ ittundjat ta' l-apparat tad-distillazzjoni u laħlaħ il-fjaskett volumetriku bi tliet alikwoti b'kull waħda ta' madwar 20 ml ta' ilma distillat. Żid kull alikwota ta' l-ilma tat-tlaħliħ mal-kontenut tal-fjaskett tad-distillazzjoni.

Nota: Din id-dilwita ta' 60 ml hija bizzejjed għall-ispirti li jkun fihom anqas minn 250 g ta' estratt niexef għal kull litru. Inkella, sabiex tipprevjieni l-pirolisi, il-volum ta' l-ilma tat-tlaħliħ irid ikun mill-anqas 70 ml jekk il-konċentrazzjoni ta' l-estratt niexef tkun 300 g/l, 85 ml għal kull 400 g/l ta' l-estratt niexef, u 100 ml għal kull 500 g/l ta' l-estratt niexef (uħud mil-likuri jew mill-kremi tal-frott). Aġġusta dawn il-volumi proporzjonalment għall-volumi tal-kampjuni differenti.

Żid ftit granuli ta' kontra l-ħbit ma' xulxin (3.1) (u ta' kontra r-ragħwa għall-likuri tal-krema).

Ferragħ 20 ml ta' ilma distillat fil-fjaskett volumetriku ta' 200 ml li jrid jiġi wżat biex iżomm id-distillat. Dan il-fjaskett irid mbagħad jitqieghed f'banju ta' l-ilma kiesaħ (4.1) (minn 10 sa 15-il °Ċ għax-xorb spirituż bit-togħma ta' l-aniżetta).

Iddistilla, filwaqt li tevita t-tkaxkir u l-ħruq faħam, billi kultant tħawwad il-kontenut tal-fjaskett, sakemm il-livell tad-distillat ikun ftit millimetri taħt il-marka tal-kalibrazzjoni tal-fjaskett volumetriku.

Meta t-temperatura tad-distillat tkun tnizzlet sa qrib iż-0,5°Ċ tat-temperatura oriġinali tal-likwidu, żid sal-marka bl-ilma ddistillat u ħallat sew.

Dan id-distillat jintuża sabiex tiġi stabbilita l-qawwa alkolika skond il-volum (Appendiċi II)

6.3. Ix-xorb spirituż b'qawwa alkolika ta' iktar minn 50 % vol.

Kejjel 100 ml mix-xorb spirituż fi fjaskett volumetriku ta' 100 ml u ferragħ fil-fjaskett tal-qiegħ ittundjat ta' l-apparat tad-distillazzjoni.

Laħlaħ il-fjaskett volumetriku numru ta' drabi bl-ilma ddistillat u żid it-tlaħliħ mal-kontenut tal-fjaskett tad-distillazzjoni bil-qiegħ ittundjat. Uża bizzejjed ilma sabiex iżżid il-kontenut tal-fjaskett sa madwar 230 ml.

Ferragħ 20 ml ta' l-ilma ddistillat fil-fjaskett volumetriku ta' 200 ml li jrid jiġi wżat għalbiex iżomm id-distillat. Dan il-fjaskett irid imbagħad jitqieghed fil-banju ta' l-ilma kiesaħ (4.1) (minn 10 sa 15-il °Ċ għax-xorb spirituż bit-togħma ta' l-anisetta).

Iddistilla, billi kultant tħawwad il-kontenut, sakemm il-livell tad-distillat ikun ftit millimetri taħt il-marka tal-kalibrazzjoni tal-fjaskett volumetriku ta' 200-ml.

Meta t-temperatura ta' dan id-distillat tkun tnizzlet sa qrib iż-0,5°Ċ tat-temperatura oriġinali tal-likwidu, żid sal-marka bl-ilma ddistillat u ħallat sewwa.

Dan id-distillat jintuża sabiex tiġi stabbilita l-qawwa alkolika skond il-volum (Appendiċi II)

Nota: Il-qawwa alkolika skond il-volum tax-xorb spirituż hija d-doppju tal-qawwa alkolika tad-distillat.

APPENDIĊI II: IL-KEJL TAD-DENSITÀ TAD-DISTILLAT

IL-METODU A: KIF TIĠI STABBILITA L-QAWWA ALKOLIKA REALI SKOND IL-VOLUM TAX-XORB SPIRITUŻ - IMKEJJEL BIL-PIKNOMETRIJA

A.1. **Il-prinċipju**

Il-qawwa alkolika skond il-volum tinkiseb mid-densità tad-distillat imkejla bil-piknometrija.

A.2. **Ir-Reaġenti u l-Materjali**

Matul l-analiżi, għajr jekk iddikjarat xorta oħra, uża biss reaġenti ta' grad analitiku konoxxut u ilma ta' mill-inqas il-grad 3 kif iddefinit fl-3696:1987.

A.2.1. Is-soluzzjoni tal-klorur tas-sodju (2 % w/v)

Sabiex tħejji litru 1, iżen 20 g tal-klorur tas-sodju u dewweb sa litru 1 bl-użu ta' l-ilma.

A.3. **L-apparat u t-tagħmir**

L-apparat tas-soltu tal-laboratorju u b'mod partikolari dan li ġej.

A.3.1. Miżien analitiku li kapaċi jaqra sa 0,1 mg.

A.3.2. Termometru, b'ġonta tal-ħġieġ immattjat, ikkalibrat f'parti minn kull 10 ta' grad minn 10 sa 30 °Ċ. Dan it-termometru għandu jkun iċċertifikat u vverifikat ma' termometru ċertifikat.

A.3.3. Piknometru tal-ħġieġ tal-*Pyrex* tal-kapaċità ta' 100 ml volum iffittjat b'termometru ta' ħġieġ immattjat li jista' jinqala (A.3.2). Il-piknometru għandu tubu fil-ġenb ta' 25 mm tul u 1 mm (massimu) fid-dijametru intern li jintemm b'ġonta konikali mmattjata. Jistgħu jintużaw piknometri oħra kif deskritti fl-3507, p.e. ta' 50 ml jekk xieraq.

A.3.4. Fjaskett tat-tara ta' l-istess volum estern (sa qrib 1 ml) bħall-piknometru u b'massa daqs il-massa tal-piknometru mimli b'likwidu ta' densità 1,01 (is-soluzzjoni tal-klorur tas-sodju A.2.1).

A.3.5. Ġakketta iżolata termalment li tiffittja eżatt il-korp tal-piknometru.

Nota 1: Il-metodu sabiex jiġu stabbiliri d-densitajiet *in vacuo* ta' l-ispirti jitlob għall-użu ta' miżien b'żewġ kefef, piknometru u fjaskett tat-tara ta' l-istess volum estern fuq barra sabiex jikkanċella l-effett ta' tal-galleġġjament ta' l-arja f'kull mument. Dan il-metodu sempliċi jista' jiġi applikat bl-użu ta' miżien b'keffa waħda sakemm il-fjaskett tat-tara jerġa' jintiżen sabiex jiġu mmonitorjati l-bidliet fil-galleġġjament ta' l-arja matul il-ħin.

A.4. **Il-proċedura**

Kummenti preliminari:

Il-proċedura li ġejja hija deskritta għall-użu ta' piknometru ta' 100-ml sabiex tiġi stabbilita l-qawwa alkolika; din tagħti l-akbar preċiżjoni. Madankollu, huwa possibbli li jintuża piknometru iżgħar, per eżempju ta' 50 ml.

A.4.1. Il-kalibrazzjoni tal-piknometru

Il-piknometru jiġi kkalibrat billi jiġu stabbiliti l-parametri li ġejjin:

— it-tara tal-piknometru battal,

— il-volum tal-piknometru f'temperatura ta' 20°Ċ,

— il-massa tal-piknometru mimli bl-ilma f'temperatura ta' 20 °Ċ,

A.4.1.1. Il-kalibrazzjoni bl-użu ta' miżien ta' keffa waħda:

Istabbilixxi:

— il-massa tal-piknomentru nadif u niexef (P),

— il-massa tal-piknometru mimli bl-ilma f'temperatura ta' t °Ċ (P1),

— il-massa tal-fjaskett tat-tara (T0).

A.4.1.1.1. Iżen il-piknometru nadif u niexef (P),

A.4.1.1.2. Imla l-piknometru b'attenzjoni bl-ilma ddistillat f'tempetatura ambjentali u iffittja t-termometru.

Ixxotta b'attenzjoni l-piknometru u qiegħdu fil-ġakketta iżolata termalment.Hawwad billi taqleb il-kontenitur rasu 'l isfel sakemm il-qari tat-temperatura tat-termometru jkun kostanti.

Iffissa l-piknometru livell max-xifer ta' fuq tat-tubu tal-ġenb. Aqra t-temperatura t °Ċ b'attenzjoni u fejn meħtieġ ikkorreġi għal xi ineżattezzi fl-iskala tat-temperatura.

Iżen il-piknometru mimli bl-ilma (P1).

A.4.1.1.3. Iżen il-fjaskett tat-tara (T0).

A.4.1.1.4. Il-kalkolu

— It-tara tal-piknometru battal = P - m

fejn il-m hija l-massa ta' l-arja fil-piknometru.

il-m = 0,0012 x (P1 - P)

Nota 2: Iż-0,0012 hija d-densità ta' l-arja niexfa f'temperatura ta' 20 °Ċ bi pressa ta' 760 mm Hg

— Il-volum tal-piknometru f'temperatura ta' 20°Ċ:

$$\dot{C}_{20°\dot{C}} = [P1 - (P - m)] \times F_t,1$$

fejn il-F_t hija l-fattur għat-temperatura t °Ċ meħuda mit-Tabella I tal-Kapitolu 1 "Id-Densità u l-gravità speċifika ta' l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 2676/90 (p. 10)."

Il-V_{20}°Ċ għandha tkun magħrufa sa l-eqreb 0,001 ml.

— Il-massa ta' l-ilma fil-piknometru f'temperatura ta' 20 °Ċ:

$$M_{20\,°\dot{C}} = V_{20\,°\dot{C}} \times 0,998203$$

hija d-densità ta' l-ilma f'temperatura ta' 20°Ċ.

Nota 3: Meta meħtieġ, jista' jintuża l-valur 0,99715 tad-densità fl-arja u l-qawwa alkolika tiġi kalkolata b'riferiment għad-densità li tikkorrispondi fit-tabelli tal-*HM Customs and Excise* fl-arja.

A.4.1.2. Il-metodu tal-kalibrazzjoni bl-użu ta' miżien ta' żewġ keffef

A.4.1.2.1. Qiegħed il-fjaskett tat-tara fil-keffa tax-xellug u l-piknometru nadif u niexef bit-tapp tiegħu tal-ġbir fil-keffa tal-lemin. Ibbilanċjhom billi tqiegħed piżijiet fuq in-naħa tal-piknometru: ta' p grammi.

A.4.1.2.2. Imla l-piknometru b'attenzjoni bl-ilma distillat f'temperatura ambjentali u ffittja t-termometru; ixxotta sewwa l-piknometru u qiegħdu fil-ġakketta iżolata termalment; ħawwad billi taqleb rasu 'l isfel il-kontenitur sakemm il-qari tat-temperatura tat-termometru jkun kostanti.

Aġġusta bil-preċiż il-piknometru livell max-xifer ta' fuq tat-tubu tal-ġenb. Naddaf it-tubu tal-ġenb, iffittja t-tapp tal-ġbir; aqra t-temperatura t °Ċ b'attenzjoni u meta meħtieġ ikkorreġi għalkull ineżattezza fl-iskala tat-temperatura.

Iżen il-piknometru mimli bl-ilma, bil-p' ikun il-piż fi grammi li jwassal għall-ekwilibriju.

A.4.1.2.3. Il-kalkolu

— It-tara tal-piknometru battal = p + m

fejn il-m hija l-massa ta' l-arja fil-piknometru.

il-m- = 0,0012 x (p- p')

— Il-volum tal-piknometru f'temperatura ta' 20 °Ċ:

$$\dot{C}_{20°\dot{C}} = (P + m - p') \times F_t,1$$

fejn il-F_t hija l-fattur għat-temperatura t °Ċ meħuda mit-Tabella I tal-Kapitolu 1 "Id-Densità u l-Gravità speċifika" ta' l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 2676/90 (p. 10).

Il-$V_{20\,°\dot{C}}$ trid tkun magħrufa sa l-eqreb 0,001 ml.

— Il-massa ta' l-ilma fil-piknometru f'temperatura ta' 20°Ċ:

$$M_{20\,°\dot{C}} = V_{20\,°\dot{C}}M$$

fejn iż-*0,998203* hija d-densità ta' l-ilma f'temperatura ta' 20°Ċ.

A.4.2. Kif tiġi stabbilita l-qawwa alkolika tal-kampjun tat-test

A.4.2.1. A.4.2.1. Bl-użu ta' miżien ta' keffa waħha:

A.4.2.1.1. A.4.2.1.1. Iżen il-fjaskett tat-tara, piż T1.

A.4.2.1.2. Iżen il-piknometru bid-distillat imħejji (ara l-Appendiċi I), il-P2 huwa l-piż tiegħu f'temperatura t °Ċ.

A.4.2.1.3. Il-Kalkolu

— dT = TI - T0-

— Il-'-' huwa l-massa tal-piknometru battal fil-mumnet tal-kejl

= P - m + dT

— Il-massa tal-likwidu fil-piknometru f'temperaura ta t °Ċ

= P2 - (P - m + dT)

— Id-densità f'temperatura ta' t °Ċ fi g/ml

— $P_{t°Ċ} = [P_2 – (P – m + dT)]/V_{20°Ċ}$

— Esprimi d-densità f'temperatura ta' t °Ċ f'kilogrammi għal kull m³ billi timmoltiplika $ñ_{t °Ċ}$ b'1000, bil-valur ikun magħruf bħala $l-_t$.

— Ikkoreġi $l-_t$ sa 20 bl-użu tat-tabella tad-densitajiet T għal taħlita ta' ilma ma' l-alkohol (it-Tabella II ta' l-Appendiċi II tal-manwal ta' l-OIV tal-metodi ta' analiżi (1994), pp. 17-29).

Fit-tabella sib il-linja orizzontali li tikkorrispondi mat-temperatura T fi gradi sħaħ minnufih taħt it-t °Ċ, bl-iżgħar densità 'l fuq mill-$_t$. Uża d-differenza fit-tabella li tinsab taħt din id-densità sabiex tikkalkola d-densità ta' $_t$ ta' l-ispirtu f'din it-temperatura T fi gradi sħaħ.

Billi tuża l-linja sħiħa tat-temperatura, ikkalkola d-differenza bejn id-densità ñ' fit-tabella immedjatament 'il fuq mill-$ñ_t$ u d-densità kkalkolata $ñ_t$.

— Iddividi din id-differenza bid-differenza fit-tabella misjuba fuq il-lemin tad-densità ñ'. L-Il-kwozjent jipprovdi l-porzjon deċimali tal-qawwa alkolika filwaqt li n-numru sħiħ tal-qawwa alkolika jinsab fil-quċċata tal-kolonna li fiha tinsab id-densità ñ' (D_t, il-qawwa alkolika).

Nota 4: Alternattivament żomm il-piknometru fil-banju ta' l-ilma miżmum f'temperatura ta' 20°Ċ (+/- 0,2°Ċ) meta timla sal-marka.

A.4.2.1.4. Ir-riżultat

Billi tuża d-densità $ñ_{20}$ ikkalkola l-qawwa alkolika reali bl-użu tat-tabelli tal-qawwa alkolika identifikati hawn taħt:

It-tabella li tagħti l-valur tal-qawwa alkolika skond il-volum (% vol) f'temperatura ta' 20 °Ċ bħala funzjoni tad-densità f'temperatura ta' 20 °Ċ tat-taħlitiet ta' l-ilma ma' l-alkol hija t-tabella internazzjonali adottata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Metrologija Legali fir-Rakkommandazzjoni tagħha Nru 22.

A.4.2.2. Il-metodu bl-użu ta' miżien ta' keffa waħha:

A.4.2.2.1. Iżen il-piknometru bid-distillat imħejji (Ara t-Ttaqsima I), il-p" hija l-massa f'temperatura ta' t °Ċ.

A.4.2.2.2. Il-Kalkolu

— Il-massa tal-likwidu fil-piknometru f'tyemperatura ta' *t* °Ċ

= p + m - p

— Id-densità f'temperatura ta' t °Ċ fi g/ml

$P_{t° Ċ} = (p + m – p')/V_{20° Ċ}$

— Esprimi d-densità f'temperatura ta' t °Ċ f'kiloġrammi għal kull m³ u wettaq il-korrezzjoni tat-temperatura biex tikkalkola l-qawwa alkolika f'temperatura ta' 20 °Ċ, kif indikat hawn fuq għall-użu tal-miżien b'keffa waħda.

A.5. **Il-karatteristiċi tal-metodu tat-twettiq tax-xogħol (il-preċiżjoni)**

A.5.1. Ir-riżultati statistiċi tat-test interlaboratorju

L-informazzjoni li ġejja ġiet miksuba minn studju tat-twettiq tax-xogħol ta' metodu internazzjonali imwettaq skond roċeduri miftiehma internazzjonalment ġ1ħ ġ2ħ.

Is-Sena tat-test interlaboratorju	1997
In-Numru tal-laboratorji	20
In-Numru tal-kampjuni	6

Il-Kampjuni	A	B	Ċ	D	E	F
In-Numru tal-laboratorjimiżmuma waral-eliminazzjoni ta' dawkli qegħdin 'il barra	19	20	17	19	19	17
In-Numru ta' dawk li kienu'il barra (laboratorji)	1	-	2	1	1	3
In-Numru tar-riżultatiaċċettati	38	40	34	38	38	34
Il-Valur medju($\bar{x}$)% vol	23,77	40,04	40,29	39,20	42,24	57,03
	26,51(*)			42,93(*)	45.73(*)	63,03(*)
Id-Devjazzjoni tal-kapaċità tat-tennija(r) % vol	0,106	0,176	0,72	0,103	0,171	0,190
Id-Devjazzjoni relattiva tal-kapaċità tat-tennija (r) (%)	0,42	0,44	0,18	0,25	0,39	0,32
Il-Limitu tal-kapaċita tat-tennija () f'% vol	0,30	0,49	0,20	0,29	0,48	0,53
Id-Devjazzjoni tar-riproduċibbiltà (g) % vol	0,132	0,236	0,154	0,233	0,238	0,322
Id-Devjazzjoni relattiva tar-riproduċibbiltà(g) (%)	0,52	0,59	0,38	0,57	0,54	0,53
Il-Limitu tar-riproduċibbiltà() f'% vol	0,37	0,66	0,43	0,65	0,67	0,90

It-Tipi tal-kampjuni

A. Il-Likuri tal-Frott: livell maqsum (*)
B, Il-*Brandy*: duplikati għomja
Ċ. Il-*Whisky*: duplikati għomja
D. Il-Grappa: livell maqsum (*)
E. L-*Aquavit*: livell maqsum (*)
F. Ir-Rum: livell maqsum (*)

IL-METODU B: KIF TIĠI STABBILITA L-QAWWA ALKOLIKA REALI SKOND IL-VOLUM TAX-XORB SPIRITUŻ IMKEJJEL BID-DENSIMETRIJA ELETTRONIKA (IBBAŻATA FUQ L-OXXILLAZZJONI TA' FREKWENZA REŻONANTI TA' KAMPJUN F'CELLOLA TA' L-OXXILLAZZJONI)

B.1. **Il-prinċipju**

Id-densità tal-likwidu tiġi stabbilita bil-kejl elettroniku ta' l-oxxillazzjonijiet ta' tubu-U li jivvibra. Sabiex jitwettaq dan il-kejl, il-kampjun jiġi miżjud ma' sistema li toxxilla, li l-frekwenza speċifika ta' oxxillazzjoni tagħha tiġi hekk immodifikata bil-massa miżjuda.

B.2. **Ir-Reaġenti u l-Materjali**

Matul l-analiżi, għajr jekk iddikjarat xorta oħra, uża biss ir- reaġenti ta' grad analitiku kkonoxxut u ilma ta' mill-inqas il-grad ta' 3 kif iddefinit fl-ISO 3696:1987.

B.2.1. L-Aċetone (SAK 666-52-4) jew l-alkol assolut

B.2.2. Arja niexfa.

B.3 **L-apparat u t-tagħmir**

L-apparat tas-soltu tal-laboratorju u b'mod partikolari dan li ġej:

B.3.1. Densimetru b'wirja diġitali

Densimetru elettroniku biex jitwettqu dawn il-miżuri irid ikun kapaċi jesprimi d-densità fi g/ml sa 5 ħames postijiet deċimali.

Nota 1: Id-densimetru għandu jitqiegħed fuq stand perfettament stabbli li jkun iżolat mill-vibrazzjonijiet kollha.

B.3.2. Ir-regolazzjoni tat-temperatura

It-twettiq tax-xogħol tad-densimetru huwa validu biss jekk iċ-ċellola tal-kejl tiġi mgħaqqda ma' regolatur tat-temperatura mibni minn ġewwa li jista' jikseb l-istess stabbilita tat-temperatura ta' +/- 0,02 °Ċ jew aħjar.

Nota 2: Is-settjar preċiż u l-monitoraġġ tat-temperatura fiċ-ċellola tal-kejl huma importanti ħafna, għaliex żball ta' 0,1°Ċ jista' jwassal għalvarjazzjoni fid-densità fl-ordni ta' 0,1 kg/m^3.

B.3.3. Is-siringi ta' l-njezzjoni tal-kampjun jew l-apparat tat-teħid tal-kampjuni minnu nnifsu.

B.4. **Il-proċedura**

B.4.1. Il-kalibrazzjoni tad-densimetru

L-apparat irid jiġi kalibrat skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant ta' l-istrument meta jintuża għall-ewwel darba. Irid jiġi kalibrat mill-gdid regolarment u vverifikat ma' standard tar-riferiment attestat jew soluzzjoni interna tar-riferiment ta' laboratorju msejsa fuq standard tar-riferiment attestat.

B.4.2. Kif tiġi stabbilita d-densita tal-kampjun

B.4.2.1. Jekk meħtieġ qabel il-kejl, naddaf u nixxef iċ-ċellola bl-aċetone jew bl-alkol assolut u l-arja niexfa. Laħlaħ iċ-ċellola bil-kampjun.

B.4.2.2. Injetta l-kampjun fiċ-ċellola (bl-użu ta' siringa jew l-istrument li jieħu l-kampjuni minnu nnifsu) hekk illi ċ-ċella timtela kollha. Matul l-operazzjoni tal-mili, kun ċert illi l-bżieżaq kollha tal-arja jiġu eliminati kompletament. Il-kampjun irid ikun omoġenju u ma jrid ikun fih l-ebda partikola solida. Kull materjal sospiż għandu jitneħħa b'filtrazzjoni qabel l-analiżi.

B.4.2.3. Malli l-qari jkun ġie stabbilizzat, irreġistra d-densità $\tilde{n}_{20}$ jew il-qawwa alkolika murija mid-densimetru.

B.4.3. Ir-riżultat

Meta tintuża d-densità $\tilde{n}_{20}$, ikkalkola s-saħħa reali alkolika bl-użu tat-tabelli tal-qawwa alkolika indikati hawn taħt:

It-tabella li tagħti l-valur tal-qawwa alkolika skond il-volum (% vol) f'temperatura ta' 20 °Ċ bħala funzjoni tad-densità f'temperatura ta' 20 °Ċ tat-tahlita ta' l-ilma u l-alkol hija t-tabella internazzjonali adottata mill-Organizżazzjoni Internazzjonali tal-Metrologija Legali fir-Rakkomandazzjoni tagħha Nru 22.

B.5. **Il-karatteristiċi tal-metodu tat-twettiq tax-xogħol (il-preċiżjoni)**

B.5.1. Ir-riżultati statistiċi tat-test interlaboratorju

L-informazzjoni li ġejja ġiet miksuba minn studju dwar it-twettiq tax-xogħol ta' metodu internazzjonali imwettaq skond il-proċeduri ġ1ħ ġ2 ħmiftiehma internazzjonalment.

Is-sena tat-test interlaboratorju 1997

In-Numri tal-laboratorji 16

In-Numru tal-kampjuni 6

Il-Kampjuni	A	B	Ċ	D	E	F
In-Numru tal-laboratorjiMiżmuma wara l-elimin-Azzjoni ta' dawk li qegħdin'il barra	11	13	15	16	14	13
In-Numru ta' dawk li kienu'l barra (laboratorji)	2	3	1	-	1	2
In-Numru tar-riżultatiaċċettati	22	26	30	32	28	26
Il-Valur medju($\bar{x}$)% vol	23,81	40,12	440,35	39,27	42,39	56,99
	26,52(*)			43,10(*)	45,91(*)	63,31(*)
Id-Devjazzjoni tal-kapaċita tat-tennija (r)% vol	0,044	0,046	0,027	0,079	0,172	0,144
Id-Devjazzjoni relattiva tal-kapaċita tat-tennija (g) (%)	0,17	0,12	0,07	0,19	0.39	0,24
Il-Limitu tal-kapaċita tat-tennija () % vol	0,12	0,13	0,08	0,22	0.48	0,40
Id-Devjazzjoni tar-riproduċibbilta (p) % vol	0,054	0,069	0,083	0,141	0,197	0 205
Id-Devjazzjoni standardrelattiva tar-riproduċibbilta(g) (%)	0,21	0.17	0,21	0,34	0,45	0,34
Il-Limitu tar-riproduċibbilta() % vol	0,15	0,19	0,23	0,40	0,55	0.58

It-Tiġi tal-kampjuni

A. Il-Likur tal-Frott: livell maqsum (*)

B. Il-*Brandy*: duplikati għomja

Ċ. Il-*Whisky*: duplikati għomja

D. Il-Grappa: livell maqsum (*)

E. L-*Aquavit*: livell maqsum (*)

F. Ir-Rum: livell maqsum (*)

IL-METODU Ċ: KIF TIĠI STABBILITA L-QAWWA ALKOLIKA REALI SKOND IL-VOLUM TAX-XORB SPIRITUÆ - IL-KEJL BID-DENSIMETRU LI JUÆA L-MIÆIEN IDROSTATIKU

Ċ.1 **Il-prinċipju**

Il-qawwa alkolika ta' l-ispirti tista' titkejjel bid-densimetrija bl-użu ta' miżien idrostatiku msejjes fuq il-prinċipju ta' Arkimede fejn meta oġġetti jitgħaddas f'likwidu jirċievi tefgħa 'l fuq mill-likwidu egwali għall-piż tal-likwidu li jkun inħad postu.

Ċ.2. **Ir-Reaġenti u l-Materjali**

Matul l-analiżi, sakemm għajr fejn iddikjarat xorta oħra, uża biss ir-reaġenti ta' grad analitiku kkonoxxut u l-ilma ta' mill-inqas il-grad ta' 3 kif iddefinit fl-ISO 3696:1987.

Ċ.2.1. Is-soluzzjoni tat-tindif tal-galleġġjan (l-idrossidu tas-sodju, 30 % w/v)

Sabiex tħejji 100 ml, iżen 30 g ta' l-idrossidu tas-sodju u żid sal-volum bl-użu ta' 96 % ta' l-etanol skond il-volum.

Ċ.3. **L-apparat u t-tagħmir**

Apparat tas-soltu tal-laboratorju u b'mod partikolari dan li ġej:

Ċ.3.1. Il-miżien idrostatiku ta' keffa waħda b'sensività ta' 1 mg.

Ċ.3.2. Galleġġjant b'volum ta' mill-inqas 20 ml, addattat b'mod speċjali għall-miżien, sospiż b'ħajta ta' dijametru li ma jaqbiżx iż-0,1 mm.

Ċ.3.3. Cilindru tal-kejl li jkollu marka tal-livell. Il-galleġġjant irid ikun kapaċi li jiġi kontenut kollu kemm hu fil-volum taċ-ċilindru lokat 'l isfel mill-marka; il-wiċċ tal-likwidu jista' jiġi minfud biss bil-ħajta tas-sostenn. Iċ-ċilindru tal-kejl irid ikollu dijametru intern ta' mill-inqas 6 mm akbar minn dak tal-galleġġjant.

Ċ.3.4. Termometru (jew sonda li tkejjel it-temperatura) ggradati fi gradi u għexur ta' grad minn 10 sa 40°Ċ, ikkalibrati għal sa 0,05°Ċ.

Ċ.3.5. Piżijiet, ikkalibrati minn korp ikkonoxxut taċ-ċertifikazzjoni.

Nota 1: L-użu ta' miżien b'żewġ keffef huwa possibbli wkoll; il-prinċipju huwa deskritt fil-Kapitolu 1 "Id-Densit u l-gravità speċifika" ta' l-Anness mar-Regolament (KEE) Nru 2676/90 (p. 7).

Ċ.4. **Il-Proċedura**

Il-galleġġjant u ċ-ċilindru tal-kejl iridu jiġu mnaddfa bejn kull kejl bl-ilma distillat, imnixxef b'karta ratba tal-laboratorju li ma xxerridx fibri u mlaħlaħa bis-soluzzjoni li d-densità tagħha trid tiġi stabbilita. Il-kejlijiet iridu jsiru malli l-apparat ikun laħaq l-istabbiltà sabiex jiġi ristrett it-telf tal-alkol bl-evaportazzjoni.

Ċ.4.1. Il-kalibrazzjoni tal-miżien

Għalkemm l-imwieżen is-soltu jkolljom sistema ta' kalibrazzjoni interna, il-miżien idrostatiku jrid ikun kapaċi li jikkalibra b'piżijiet iċċekkjati minn korp uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni.

Ċ.4.2. Il-kalibrazzjoni tal-galleġġjant

Ċ.4.2.1. Imla ċ-ċilindru tal-kejl sal-marka bl-ilma ddistillat doppjament (jew b'ilma ta' safa ekwivalenti, p.e. ilma mmikroffiltrat b'konduttività ta' 18,2 MÙ/ċm) f'temperatura ta' bejn il-15 u l-25 °Ċ iżda preferibilment f'temperatura ta' 20 °Ċ.

Ċ.4.2.2. Għaddas il-galleġġjant u t-termometru, ħawwad, aqra d-densità tal-likwidu mill-apparat u, jekk meħtieġ, ikkorreġi l-qari sabiex ikun egwali għal dak ta' l-ilma fit-temperatura tal-kejl.

Ċ.4.3. Il-kontroll bl-użu ta' taħlita ta' ilma u alkol

Ċ.4.3.1. Imla ċ-ċilindru tal-kejl sal-marka b'taħlita ta' ilma u alkol ta' qawwa magħrufa f'temperatura ta' bejn il-15 u l-25°Ċ iżda preferibilment f'temperatura ta' 20°Ċ.

Ċ.4.3.2. Għaddas il-galleġġjant u t-termometru, ħawwad, aqra d-densità tal-likwidu (jew il-qawwa alkolika jekk dan ikun possibbli) mill-apparat. Il-qawwa alkolika hekk stabbilita għandha tkun egwali għall-qawwa alkoholika stabbilita qabel.

Nota 2: Din is-soluzzjoni ta' qawwa alkolika magħrufa tista' tintuża wkoll sabiex jiġi kkalibrat il-galleġġjant minflok l-ilma distillat doppjament.

Ċ.4.4. Il-kejl tad-densità ta' distillat (jew tal-qawwa alkolika tiegħu jekk l-apparat jippermetti)

Ċ.4.4.1. Ferragħ il-kampjun tat-test fiċ-ċilindru tal-kejl sal-marka tal-gradazzjoni.

Ċ.4.4.2. Għaddas il-alleġġjant u t-termometru, ħawwad, aqra d-densità tal-likwidu (jew il-qawwa alkolika jekk dan ikun possibbli) mill-apparat. Innota d-densità jekk it-temperatura tiġi mkejla f'temperatura ta' $_t$ °Ċ ($ñ_t$).

Ċ.4.4.3. Ikkoreġi l-$ñ_t$ sa l-20 bl-użu tat-tabella tad-densitajiet ñT għat-taħlitiet ta' l-ilma u l-alkol (it-Tabella II ta' l-Anness II fil-Manwal tal-metodi ta' l-analiżi ta' l-OIV (1994), pp. 17-29).

Ċ.4.5. It-tindif tal-galleġġjant u ċ-ċilindru tal-kejl

Ċ.4.5.1. Għaddas il-galleġġjant fis-soluzzjoni tat-tindif tal-galleġġjant fiċ-ċilindru tal-kejl.

Ċ.4.5.2. Hallih jixxarrab għal siegħa waqt li ddawwar il-galleġġjant kultant.

Ċ.4.5.3. Laħlaħ b'ammonti abbundanti ta' l-ilma tal-vit segwit bl-ilma ddistillat.

Ċ.4.5.4. Nixxef b'karta tal-laboratorju ratba li ma xxerridx fibri.

Wettaq din il-proċedura meta l-galleġġjant l-ewwel jintuża u wara jintuża regolarment kif meħtieġ.

Ċ.4.6. Ir-riżultat

Bl-użu tad-densità ñ20 ikkalkola l-qawwa alkolika reali bl-użu tat-tabelli tal-qawwa alkolika indentifikati hawn taħt.

It-tabella li tagħti l-valur tal-qawwa alkolika skond il-volum (% vol) f'temperatura ta' 20°Ċ bħala funzjoni tad-densità f'temperatura ta' 20°Ċ tat-taħlitiet ta' l-ilma u l-alkol hija t-tabella internazzjonali addottata mill-Organizżazzjoni Internazzjonali tal-Metrologija Legali fir-Rakkomandazzjoni tagħha Nru 22.

Ċ.5. **Il-karatteristiċi tat-twettiq tax-xogħol tal-metodu (il-preċiżjoni)**

Ċ.5.1. Ir-riżultati statistiċi tat-test interlaboratorju

L-informazzjoni li ġejja inkisbet minn studju dwar it-twettiq tax-xogħol ta' metodu internazzjonali imwettaq skond il-proċeduri ġ1ħ ġ2ħ miftiehma internazzjonalment.

tat-test interlaboratorju 1997

In-numru tal-laboratorji 12

